HAL TARXIEN

**Il- laqgħa Nru 45/06 tas-Sitt Leġislatura 2008-2013**
**saret nhar**
**il-Tnejn 28 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**f'73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien**

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sinj. L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sur F. Chircop | A/ Segr. Eżekuttiv |

**Skuzata:-**

| | |
|---|---|
| Is-Sinj. C. Lanzon | Kunsilliera |

## Aġenda:-

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti.
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji- Skeda ta'Pagamenti Nru 44/06 għax-xahar ta'Mejju 2012.
4. Aġġudikazzjoni tat-Tender tal-Accountant u Resurfacing.
5. Approvazzjoni tal-Management Letter re Audit Accounts tas-Sena 2011
6. Quarterly Accounts: Jan – Mar 2012
7. Jum Ħal Tarxien
8. Rapport mill-Kunsilliera.
9. Ħwejjeg oħra.

Għeluq tal-Laqgħa

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

1 ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-laqgħa tas-seduta 43/06 u 44/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew ċirkulati minn qabel.Wara li l-minuti ġew approvati unanimament, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill- Aġent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Paul Pace.

Approvazzjoni tal-minuti

2 ***Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)***

Is-Sindku Paul Farrugia nforma lil Kunsill li fuq *il-proġett tal-ERDF* ix-xogħol miexi kif kien ippjanat u sa l-aħħar ta' Mejju għandu jkun lest l-pavimentar. Ir-rampa tan-nies bi bżonnijiet speċjali inqalgħet peress li ma' ġietx aċċettata mill-awtoritajiet għax inbidlu l-istandards. Is-Sindku nforma lil Kunsill li ser jieħu l-opportunita ħalli kif qiegħed jitqiegħed il-pavimentar il-ġdid, jgħaddi pajpijiet ġodda għall-*Bus Shelter* u t-*telefon box* ħalli l-quddiem ikunu jistgħu jinxtgħelu wkoll. Ser isiru wkoll *uplighters* taħt il-ġebel kbir li jissimbolizza t-tempji. Huwa qal li ma' jistgħax isir *disabled parking* ieħor, minħabba l-*bus stop*. Għaldaqstant xorta waħda jrid isir użu mid-disabled parking eżistenti li hemm fid-daħla l-oħra tal-ġnien.

Progett ERDF

Rigward il-*permess tal-MEPA 4194/10* is-Sindku nforma lill Kunsill li ħareġ u għad baqa' biss, l-aħħar ċertifkat tal-MEPA - jiġifieri l-full development permit biex tinqala l-art bil gaffa u jitkompla x-xogħol meħtieġ tal-pjazzetta quddiem iċ-ċimiterju ta' l-erwieħ.

Permess MEPA 4194/10

Fuq id-devoluzzjoni ta' l-art f''Luqa Road, is-Sindku kellu laqgħa ta'diskussjoni ma' l-Onor. Ministru Jason Azzopardi u s'issa qed nistennew risposta dwar l-biċċa art li l-Kunsill qed jitlob biex isir parking.

Luqa Road

Is-Sindku nforma lill Kunsill li ser jibda x-xogħol fuq id-dawl tax-xelter u t-tindif tiegħu.

Xelter tal-Gwerra

*Resurfacing tat-toroq.*

Is-Sindku spjega li fil-fuljett ġew ippublikati l-ismijiet tat-toroq li kellhom isiru mill-Gvern Ċentrali u li suppost tlestew sa' l-aħħar tas-sena 2008, għall-informazzjoni tan-nies għax kien hemm ħafna mistoqsijiet mingħand ir-residenti. Ġiet ippubblikat ġa wkoll kopja ta' mistoqsija parlamentari dwar dan. Għaldaqstant saret spjegazzjoni ta'kif svolġew l-affarijiet fuq it-tender tal-PPP *(Public Private Partnership)*

Resufacing

Rigward il-*bandli ta' Misraħ Bulebel* is-Sindku nforma lill Kunsill li ġew ordnati u għaldaqstant hemm bżonn alterazzjoni żgħira minħabba t-tapit tas-safety ta' taħt il-bandli li minħabba r-regolamenti l-ġodda jrid jikber b'xi tlitt metri.

Bandli

Rigward il-*ktieb tas-Sur Peter Caruana* ser issir laqgħa mill-Viċi Sindku Frans Agius – għada fil-Kunsill Lokali mal-familjari tas-Sur Caruana.

Ktieb ta' Peter Caruana

Il-Van li kien jintuża'mill- Kunsill ġie deċiż li jinqalgħu l-plates tan-numri u jittieħdu id-dipartiment tat-Transport Malta biex jiġi skrapjat.

Van l-antik tal-Kunsill

Fuq il-każ ta' l-Arriva il-Kunsill qabel li x-xufier għandu jħallas lura l-ispejjeż kollha dovuti. Għaldaqstant l-ispejjeż kollha għandhom ikun rifonduti fi żmien sena.

*Refund* tal-kont tal-Arriva

Fuq il-korsijiet tal-Life Long Learning il-Kunsill ħallas l-ammont kollu li kien dovut. Frans Agius spjega li indirettament il-kunsill qed jissussidja x-xogħol tad-dipartiment tal-edukazzjoni li ħareġ bl-iskema. Fuq il-*flus mitluba mid-dipartiment tal-edukazzjoni* għall-korsijiet tal-Lifelong learning, is-Sindku spjega li fil-bidu qalu li ser nieħdu ammont ta' flus u li ser nieħdu l-ammont *in-full*. Il-Kunsillier Frans Agius spjega li dawk l-anzjani li attendew il-korsijiet kienu b'xejn minħabba li għandhom il-kartanzjan u għaldaqstant kellu jagħmel tajjeb il-Kunsill. Huwa saħaq li min-naħa tad-dipartiment ma'kienx hemm l-ebda arranġamenti fuq dan.

*Life-long Learning.*

F'Joan Garden is-Sindku qal li hemm bżonn naraw x'jonqos għax għandu bżonn *upgrading*. Is-Sindku nforma lill Kunsill li ġew miżbugħa l-bankijiet u l-fanali kollha kif ukoll inbidlu l-globi li kien hemm imkissrin, madwar 24 wieħed .

Joan Garden

Is-Sindku kompla biex informa li rigward *l-ingaġġ ta' skrivana* ġdid part-time ingħatajna l-permess mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex naħtru waħda fuq skala 15. Għaldaqstant ħarġet is-sejħa skont ir-regolamenti, jiġifier l-ewwel interna fi ħdan il-Kunsilli Lokali, mbagħad wara ġimgħa toħroġ talba minn dawk in-nies li jkunu qed jirreġistraw mall-ETC.

Segretarja *part-time* gdida.

U fl-aħħar jekk ikun hemm bżonn toħroġ esternament.

Skemi

*Skemi*- Is-Sindku spjega li l-iskemi waqfu kollha u bħala Assoċċazzjoni tal-Kunsill saħqu li mhux ġust - billi minn diġa kien hemm diversi talbiet minn naħa ta'diversi Kunsilli u issa f'daqqa waħda twaqqfu l-iskemi tal-Gvern min naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Sqaq Santa Marija 1.

*Sqaq Santa Marija No. 1*. Is-Sindku spjega li x-xogħol fi Sqaq Santa Marija numru wieħed miexi sewwa. S' issa bħala xogħolijet, is-Sindku spjega li tlesta l-ilma, saret il-bażi tal-konkos taħt il-pavimentar u beda jinħadem id-disinn tan-nofs bl-istess materjal. Huwa maħsub li fi żmien 15 il-gurnata, l-aktar, tlitt ġimgħat l-isqaq ikun lest minn kollox. Saħansitra anke l-fanali ornamentali, kompluti bil-hanging pots ġew ordnati.

PPP.

*Rigward ix-xogħol fl-iskema tal- PPP*, saret laqgħa mal-kuntrattur u huwa maħsub li jibda x-xogħol fl-aħħar ta'Gunju ta' din is-sena. Pero, sa issa ma' hemm xejn konfermat min naħa tal-kuntrattur. Is-Sindku qal li huwa talab lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali biex is-Sur Paul Pace jiġi misluf jumejn fil-gimgħa biex jibda jikkordina bejn il-kuntrattur u d-dipartiment tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant is-Sur Paul Pace għandu jikteb lit-Transport Malta minħabba t-traffic management system għall-meta jibda ix-xogħol fuq il-proġett b'kordinament mall-kuntrattur.

Tender tal-Housing.

Rigward it-*tender numru TLC 004/2012 – tal-awtorita tad-djar*, is-Sindku Paul Farrugia nforma lill Kunsill li nhar l-erbgħa, 30 ta' Mejju ser issir laqgħa mall-kuntrattur, Femi Consultancy Ltd li ser jaħdem u l-Perit tal-Housing biex wara jkun jista' jibda ix-xogħol skont it-tender.

Van gdid tal-kiri.

Is-Sindku nforma li saru l-kuntatti mal-kuntrattur li tefa' it-tender biex jinkera l-van għall-użu tal-Kunsill u għaldaqstant dan għandu jġib il-van biex jibda jintuża mill-ħaddiema kif hemm stipulat fit-tender.

2(a) **_Korrispondenza._**

Is-Sindku Paul Farrugia beda billi spjega fuq il-*Mosquito device* u mistoqsijiet minn Engineer Ivan Fenech mid-dipartiment tal-Gvern MCCA. Filwat li Frans Agius issuġġerixxa li nirrispondu fuq dawn il-mistoqsijiet, Ishmael Dalli qal li għandna l-appoġġ tan-nies tal-lokal b'mod unanimu fuq il-Mosquito. Huwa kompla jgħid li kienu ġew ġurnalisti jintervistaw lir-residenti wkoll. Is-Sindku ikkonferma li anke r-residenti qablu ma' dan, infatti hemm minn għandu d-dar għall-bejgħ minħabba l-istorbju. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qabel ukoll li tajjeb li nirrispondu u ssir stqarrija fuq din il-*Mosquito device*. Għaldaqstant kien hemm il-qbil li ssir stqarrija uffiċjali fuq dan ir-rigward.

*Mosquito Device.*

Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand is-Sur Martin Felice - resident Triq il-Ħaġar, rigward ħsara fil-faċċata tal-flat tiegħu, Huwa staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jgħin f'dan ir-rigward. Wara diskussjoni qasira fejn ġie mistoqsi kif u meta ser jibda x-xogħol fuq il-blokki tal-flats taħt l-iskema mnedija mill-Housing Authority – ġie mistoqsi minn hu l-koordinatur ta' dan il-blokk partikolari. Is-Sindku spjega li għad ma' hemm ħadt inkarigat u għaldaqstant huwa propona li jkun huwa stess il ko-ordinatur mal-Gvern.

Is-Sindku Paul Farrugia kompla jaqra l-ittra tas-Sur Martin Felice u spjega li fl-ittra s-Sur Felica qed jinsinwa li huwa, bħala Sindku ta' Ħal Tarxien iltaqa' mas-segretarju Parlamentari –Jason Azzopardi biex itihom l-art għall-użu tat-Tarxien Rainbows. Is-Sindku kompla jispjega li bħala Kunsill m'aħniex responsabbli mill-ħsara fil-flat u l-blokka tal-appartamenti. Minkejja dan kollu l-Kunsill xorta waħda ser jipprova jgħati l-għajnuna biex tissewwa l-ħsara bis-saħħa tal-iskema tal-Housing Authority. Għaldaqstant, minħabba d-diversi insinwazzjonijiet fl-ittra tas-Sur Martin Felice l-Kunsill qabel li din għandha tintbgħat lill-avukat tal-Kunsill għall-parir. Kulħadd qabel ma'din il-proposta.

Ittra fuq hsara fi blokka tal-flats tal-Gvern.

**_Xelter tat- 2 Gwerra Dinija_** – Ġew sottomessi tlitt kwotazzjonijiet għax-xogħol fuq id-dawl u tindif fix-xelter tal-gwerra li ġie devolut lill Kunsill :-

1. C & S Services bl-ammont ta'€4694 inkluz VAT
2. Gramm Services bl-ammont ta'3761inkluz VA
3. RMS Ltd bl-ammont ta' 4590 + VAT-total ta' €5416.20

Kien hemm qbil unanimu li tintagħzel it-tender ta'Gramm Services minħabba li hija l-irħas u l-aktar waħda vantaġġjuza skont ix-xogħolijet mitluba fit-tender.bl-ammont ta' €3762 inkluz VAT. Id-deċizjoni kienet proponuta mis-Sindku Paul Farrugia u sekondata mill-Kunsillier Lawrence Bonavia.

Xogħol fix-xelter tal-Gwerra.

3 ***Skeda tal-ħlasijiet***. Il-laqgħa tkompliet billi s-Sindku ressaq l-iskeda tal-ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju quddiem il-Kunsill u staqsa jekk hemmx xi kummenti fuq il-pagamenti u jekk le jitlob li titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Billi ma' kienx hemm l-ebda mistoqsijiet, din ġiet approvata b'mod unanimu mill-Kunsilliera kollha. Hlasijiet

***Tender ta' xogħol fuq l-Accounts*** Għax-xogħol tal-*accounts* fil-Kunsill intefgħu tlitt tenders – waħda ta' – Maazars, bl-ammont ta'€5,546 , Adrian Sciberras bl-ammont ta' €8,000 u tal-kumpanija Ernst and Young, bl-ammont ta' €11,800. Billi l-irħas waħda kienet ta' Maazars Accountants u billi din il-kumpanija kienet diġa tat is-servizzi tagħha lil Kunsill Lokali Tarxien u għaldaqstant għanda l-esperjenza, din l-istess kumpanija ġiet proponuta li tintagħżel mill-Kunsillier Ishmael Dalli u sekondata mill-Viċi Sindku Frans Agius. Għaldaqstant Maazars Accountants huma l-kumpanija li ġiet maħtura biex tagħti s-servizzi tagħha tal-accounts għax it-tender kienet l-aktar waħda vantaġġjuża. Tender tal-Accountant

4 ***Tender tar-Resurfacing.*** Is-Sindku Paul Farrugia spjega li l-Perit tal-Kunsill kien għadu ma' ġabarx id-dokumenti ħalli jkun jista' jgħamel l-*adjudication report* tal-istess tender, għaldaqstant din ser terġa' titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku spjega li din it-tender tkopri dawk ix-xogħolijiet kollha relatati mat-toroq. Għalhekk, jekk ikun hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel biss bankina, ma' jfissirx li ssir it-triq bit-tarmak, imma ssir biss dik il-bankina, skont kif tkun il-ħtieġa. Resurfacing

5 ***Approvazzjoni tal-Management Letter re Audit Accounts tas-Sena 2011.*** Skuzat.-1930

Bħala risposta lill Awditur Ġenerali fuq il-management letter għall audit li sar mill Kumpanija 3a Accountants, maħtura mill Gvern għas-sena li għalqet 2011, inqrat u ġiet approvata biex tintbgħat lill Awditur Generali.

Il-Kunsillier Ishmael Dalli skuża ruħu għax kellu jħalli l-laqgħa minħabba ragunijiet personali. Qabel telaq, bħala rapport mill-Kunsillier, huwa qal li kien ser jattendi laqgħa tal-MEUSAC fuq is-7 programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni Ewropeja. Accounts-Quarterly Report

6 ***Quarterly Report***. Skont il-proċeduri u regolamenti finanzjarji tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ġie preżentat l-ewwel Quarterly Report ta' din is-sena li jkopri l-perjodu minn Jannar 2012 sa' Marzu 2012. Wara li ġie spjegat mis-Segretarju tal-Kunsill, dan l-istess rapport ġie mressaq quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni. Billi kien hemm qbil unanimu dan ġie approvat.

Fuq *Ġieh Ħal Tarxien* l-Kunsill qabel li għandu jiddeciedi l-bord li jiġi maħtur u mbgħad wara, jigu diskussi n-nomini mill bord fil-Kunsill. Għaldaqstant fil Bord maħtur, ma' jridx ikun hemm rappreżentant min l-ebda għaqda li minnha jiġi nominat persuna. Gieh Hal Tarxien.

Il-Viċi Sindku – Frans Agius spjega l-ħidma li qed jagħmel fuq il-konkors li s'issa ġa daħlu sitt kontribuzzjonijiet. Huwa qal li qiegħed jikkordina mas-Sur Charles Blay fuq l-esebizzjoni li ta' kull sena jwaqqaf il-Kunsill fiċ-Ċentru Komunitarju. Wirja fic-Centru Komunitarju

Is-Sindku Paul Farrugia kompla jispjega li Joseph Abela ser jgħamel xi *flyers* fuq Jum Ħal Tarxien li ser jitqassmu fid-djar. Flyers

Ġie maqbul li għanda tinbagħat e-mail ta' minn ser jattendi l-funzjoni f' Jum Ħal Tarxien, biex il-Kappillan iżomm żewġ bankijiet riservati għall-Kunsilliera. Għandha tintbgħat ukoll stedina lill għaqdiet biex jiġu mħeġġa jattendu għall din l-istess quddiesa.

7 ***Komunikazzjoni mis-Sindku –Paul Farrugia.***

***Jum Ħal – Tarxien***

Is-Sindku Paul Farrugia spjega li biex ma' nirrepetux lill minn nagħtu Ġieħ Ħal Tarxien u billi is-Sena l-oħra tajna lill wieħed mill-Għaqda tan-nar, mill-Għaqda tal-Armar u saħansitra wieħed mill-Għaqda tal-Banda, huwa ssuġġerixxa li nimxu strettament mal-kriterji kif inhuma ġa stipulati ta' kif għandu jingħata Ġieħ Ħal Tarxien.

Dwar unur il-Kunsill Lokali għal din is-sena is-Sindku issuġġerixxa li jigi nominat is-Sur Gużeppi Debono, raġel li għamel ħafna xogħol f'Ħal Tarxien. Is-Sur Ġuzeppi Debono kien proponut biex jingħata Unur Il-Kunsill Lokali mis-Sindku u sekondat mill-Viċi Sindku Frans Agius

8 **_Rapporti mill-Kunsilliera._**

Vici Sindku Frans Agius

Il-Viċi Sindku - Frans Agius spjega li kien hemm offerta mingħand id-Dipartiment tad-drittijiet tal-konsumatur biex isiru xi korsijiet f'dan ir-rigward. Frans qal li filgħodu ġewwa ċ-Ċentru Komunitarju, ser jibdew dawn id-diskussjonijet ta' informazzjoni u jekk ikun hemm attendenza tajba jiġi kkunsidrat jekk isirux aktar korsijiet filgħaxija. Dawn ser isiru bla ġlas għar-residenti Tarxiniżi. Frans Agius kompla jgħid li kien qed jipproni li is-serata letterarja din is-sena issir nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2012, bħas-soltu fid-dar tal-Kejka. Rigward il-ktieb tas-Sur Peter Caruana, il-Viċi Sindku għandu laqgħa mas-sinjura Mary Grace Caruan ħalli jiddiskutu x-xogħol fuq dan l-istess ktieb. .

Kunsillier Lawrence Bonavia

Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ma' kellux x'jirraporta.

Kunsillier Keith Darmanin

Kunsill taż-Żgħażagħ. Il-Kunsillier Keith Darmanin spjega li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ qiegħed jaħdem fuq il-proġett li flimkien mal-Aġenzija taż-żgħażagħ qed jiżviluppa *online game* edukattiva. Għall dan il-proġett il-Kunsill kien għamel ftehim biex jekk jintagħżel il-proġett kif proponut miż-żgħażagħ jingħataw 25% tal-ammont approvat, tali ammont ma'jistax jaqbeż il-massimu globali ta' 25% ta' €10,000. Inkarigata minn dan il-proġett min-naħa taż-żgħażagħ hemm is-sinjura Denise Farrugia. Dan skont il-ftehim iffirmat nhar il-25 ta' Lulju 2011 mis-Sindku Paul Farrugia. Hawn is-Sindku irrimarka li mhux lest li jaċċetta l-ftehim li sar ma'xi aġenzija privata fuq dan l-proġett għall fatt li irridu nimxu mar-regoli finanzjarji stipulati fil-liġi tal-Kunsilli Lokali. Kulħadd qabel ma' dan.

Neighbourhoold watch – saret intervista fuq it-Times of Malta mill Kunsillier Keith Darmanin. Huwa kellu stedina fuq TVM rigward il-Mosquito pero ma' marx. Kellu intervista fuq RTK bis-suġġett tan-*neighbourhood watch.* Huwa ltaqa' mas-Surġent Diane Fenech tad-Drug Squad fejn ġie mgħarraf li l-problema tad-drogi f' Ħal Tarxien naqset, Parlament taż-żgħażagħ. Minħabba li l-kunsillier Keith Darmanin għalaq 30 huwa nforma lill Kunsill li mhux ser jkun jista' jmur aktar il-parlament taż-zgħażagħ u għaldaqstant issuggerixxa li tibda tmur – Caroline Agius, Il-Kunsillier Keith Darmanin kompla jispjega li rigward il-premju Zgħazugħ Tarxiniz, huwa kellu korrispondenza mingħand resident minn Hal Tarxien fejn staqsiet għaliex ma' dehrux l-ismijiet ta' dawk kollha li ppartecipaw. Keith spjega lill Kunsill li fl-artiklu tiegħu fil-fuljett semma biss dawk in-nies li ntagħzlu.

Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li organizzat ħarġa tal-Mother's Day fis-Soreda Hotel. F'din il-ħarġa ingħatat xi ħaġa lil kull minn attenda. Hija kompliet tispjega li ser issir attivita oħra f Popeye Village għall prezz ta' €6 għat-tfal u €10 għall kbar. Hija qalet li l-Madre tal-Kunvent li tieħu ħsieb it-tfal irringrazzjat lill Kunsill ta' Ħal Tarxien tal-għajnuna kontinwa li l-Kunsill dejjem wera. Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li t-transport għall-ħarġa li jmiss ser jitħallas mis-sotto kumitat. Kunsilliera Doris Vella

Is-Sindku Paul Farruiga nforma lill Kunsill li ser issir ħarġa għall-anzjani fid 19 ta' Mejju 2012 ġewwa d-*Danish Village*. Sindku Paul Farrugia

9 **Ħwejjeġ Oħra**

Billi inħibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-aħent segretarja Ezekuttiva Marisa Pisani kienet għadha ma' ħaditx il-*performance bonus* dovut lilha meta kienet mislufa mill-Kunsill ta'Ta Xbiex biex twettaq xogħol fil-Kunsill ta'Hal Tarxien, intalbet l-approvazzjoni tal-Kunsill ħalli jiġi approvat l-ammont dovut lilha pro-rata ta'kemm ilha twettaq il-ħidma tagħha bħala aġent. Approvazzjon tal-performance bonus.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-*full performance* bonus intitolat lilha.

Aggornament

Il-laqgħa spiċċat fit- 8.30pm.

Laqgħa oħra li jmiss l-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2012

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Kav u Sindku**

**Frans Chircop**
**A/ Segretarju**